



Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li l-ftehim dwar it-trasferiment ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri, previst bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada, ma jistax jiġi konkluż fil-forma attwali tiegħu

Għalkemm it-trasferiment, iż-żamma u l-użu sistematiċi tad-data kollha tal-passiġġieri huma essenzjalment ammissibbli, diversi dispożizzjonijiet tal-abbozz ta' ftehim ma jissodisfawx ir-rekwiżiti li jirriżultaw mid-drittijiet fundamentali tal-Unjoni

L-Unjoni Ewropea u l-Kanada nneqozjaw ftehim dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (Ftehim PNR) li ġie ffirmat fl-2014. Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea talab lill-Parlament Ewropew sabiex japprovah u dan tal-aħħar iddeċieda li jadixxi l-Qorti tal-Ġustizzja sabiex isir jaf jekk il-ftehim maħsub kienx konformi mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mad-dispożizzjonijiet dwar ir-rispett tal-ħajja privata u dwar il-protezzjoni tad-data personali. Għandu jiġi osservat li din hija l-ewwel darba li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà ta' abbozz ta' ftehim internazzjonali mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

Fl-opinjoni tagħha mogħtija illum, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li **l-Ftehim PNR ma jistax jiġi konkluż fil-forma attwali tiegħu minħabba l-inkompatibbiltà ta' diversi dispożizzjonijiet tiegħu mad-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti mill-Unjoni.**

Il-ftehim maħsub jippermetti t-trasferiment sistematiku u kontinwu tad-data PNR tal-passiġġieri tal-ajru kollha lil awtorità Kanadiża sabiex hija tagħmel użu minnha u żżommha, kif ukoll, jekk ikun il-każ, sussegwentement tittrasferixxiha lil awtoritajiet oħra u lil pajjiżi terzi oħra, bil-għan tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-forom serji ta' kriminalità transnazzjonali. Għal dan il-għan, il-ftehim maħsub jipprevedi, *inter alia*, tul ta' ħażna tad-data ta' ħames snin u rekwiżiti fil-qasam tas-sigurtà tal-integrità tad-data PNR, sistema ta' ħabi immedjat ta' data sensittiva, drittijiet ta' aċċess għad-data, ta' korrezzjoni u ta' tħassir u l-possibbiltà ta' rimedji amministrattivi jew ġudizzjarji.

Meħuda komplessivament, id-data PNR tista', *inter alia*, tiżvela itinerarju ta' vjaġġ sħiħ, drawwiet ta' vvjaġġar, relazzjonijiet eżistenti bejn żewġ persuni jew iktar kif ukoll informazzjoni dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tal-passiġġieri tal-ajru, id-drawwiet tal-ikel tagħhom jew l-istat ta' saħħa tagħhom, jew saħansitra informazzjoni sensittiva dwar dawn il-passiġġieri. Barra minn hekk, id-data PNR ittrasferita hija intiża li tiġi analizzata b'mod sistematiku qabel il-wasla tal-passiġġieri fil-Kanada b'mezzi awtomatizzati, ibbażati fuq mudelli u kriterji stabbiliti minn qabel. Tali analiżijiet jistgħu jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar il-ħajja privata tal-passiġġieri. Fl-aħħar nett, peress li t-tul ta' żamma tad-data PNR jista' jestendi sa ħames snin, dan il-ftehim jippermetti li informazzjoni dwar il-ħajja privata tal-passiġġieri tkun disponibbli għal tul ta' żmien partikolarment twil.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li t-trasferiment tad-data PNR mill-Unjoni lejn il-Kanada kif ukoll ir-regoli tal-ftehim maħsub dwar iż-żamma tad-data, l-użu tagħha u l-eventwali trasferiment sussegwenti tagħha lil awtoritajiet pubbliċi Kanadiżi, Ewropej jew barranin jinvolvu **ndħil fid-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata**. Bl-istess mod, il-ftehim maħsub jinvolvi **ndħil fid-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali**.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja teżamina jekk dan l-indiżil jistax ikun iġġustifikat. F'dan ir-rigward, hija tirrileva li **l-indiżil inkwistjoni huwa iġġustifikat mit-tfittxija ta' għan ta' interess ġenerali** (garanzija tas-sigurtà pubblika fil-kuntest tal-ġlieda kontra reati terroristiċi u l-kriminalità transnazzjonali serja) u li t-trasferiment tad-data PNR lejn il-Kanada u l-ipproċessar sussegwenti tagħha huma adatti sabiex jiggarrantixxu t-tweġġ ta' dan l-għan.

F'dak li jirrigwarda n-natura neċessarja tal-indiżil, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **diversi dispożizzjonijiet tal-ftehim ma humiex limitati għal dak li huwa strettament neċessarju u ma jipprevedux regoli ċari u preċiżi**.

B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-partijiet fil-ftehim aċċettaw il-possibbiltà ta' trasferiment ta' **data sensittiva** lejn il-Kanada (data sensittiva tkopri l-informazzjoni kollha li tiżvela "l-orijini razzjali jew etnika, l-opinjoni politiki, it-tweġġmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija f'xi trejdjunjin" jew li tirrigwarda "is-saħħa jew il-ħajja sesswali ta' persuna"). Fid-dawl tar-riskju ta' pproċessar li jmur kontra l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, trasferiment ta' data sensittiva lejn il-Kanada jeħtieġ ġustifikazzjoni preċiża u partikolarment solida, ibbażata fuq motivi differenti mill-protezzjoni tas-sigurtà pubblika kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transnazzjonali serja. Issa, f'dan il-każ tali ġustifikazzjoni hija nieqsa. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li **d-dispożizzjonijiet tal-ftehim dwar it-trasferiment ta' data sensittiva lejn il-Kanada u dwar l-ipproċessar u ż-żamma ta' din id-data huma inkompatibbli mad-drittijiet fundamentali**.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-ftehim maħsub ma jeċċedix il-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju sa fejn jippermetti t-trasferiment tad-data PNR tal-passiġġieri tal-ajru kollha lejn il-Kanada. Fil-fatt, l-analiżi awtomatizzata tad-data PNR tfittex li tidentifika r-riskju għas-sigurtà pubblika li jistgħu eventwalment jippreżentaw persuni li ma humiex magħrufa mid-dipartimenti kompetenti u li, minħabba f'dan ir-riskju, jistgħu jiġu suġġetti għal eżami bir-reqqa fil-fruntieri. Dan l-ipproċessar tad-data jiffaċilita u jħaffef il-kontrolli ta' sigurtà (b'mod partikolari fil-fruntieri) li għalihom, skont l-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni ta' Chicago¹, huma suġġetti l-passiġġieri tal-ajru kollha li jixtiequ jidhru fil-Kanada jew joħorġu minn dan il-pajjiż, liema passiġġieri huma obbligati josservaw il-kundizzjonijiet għad-dħul u għall-ħruġ stabbiliti mid-dritt Kanadiż fis-seħħ.

Għall-istess raġunijiet, sakemm il-passiġġieri jkunu jinsabu fil-Kanada jew ikunu ser jitolqu minn dan il-pajjiż terz, teżisti r-rabta neċessarja bejn din id-data u l-għan li dan il-ftehim ifittex li jilħaq, b'mod li dan tal-aħħar ma jeċċedix il-limiti ta' dak li huwa strettament neċessarju minħabba s-sempliċi fatt li jippermetti ż-żamma u l-użu sistematiċi tad-data PNR tagħhom.

Madankollu, f'dak li jirrigwarda l-użu tad-data PNR matul is-soġġorn tal-passaġġieri tal-ajru fil-Kanada, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, peress li, wara verifika tad-data PNR tagħhom, il-passiġġieri tal-ajru jkunu ġew ammessi għad-dħul fit-territorju ta' dan il-pajjiż terz, l-użu ta' din id-data matul is-soġġorn tagħhom fil-Kanada għandu jkun ibbażat fuq ċirkustanzi ġodda li jiġġustifikaw dan l-użu. Kif teżiġi l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, dan l-użu jeħtieġ regoli li jipprevedu l-kundizzjonijiet sostantivi u proċedurali li jirregolaw tali użu sabiex, b'mod partikolari, tiġi protetta d-data kkonċernata kontra r-riskji ta' abbuż. Tali regoli għandhom ikunu bbażati fuq kriterji oġġettivi sabiex jiġu ddefiniti ċ-ċirkustanzi u l-kundizzjonijiet li fihom l-awtoritajiet Kanadiżi kkonċernati mill-ftehim maħsub ikunu awtorizzati jużawha. Sabiex tiġi ggarantita, fil-prattika, l-osservanza sħiħa ta' dawn il-kundizzjonijiet, l-użu tad-data PNR miżmuma matul is-soġġorn tal-passiġġieri tal-ajru fil-Kanada għandu, bħala prinċipju u flief f'każijiet ta' urġenza debitament iġġustifikati, ikun suġġett għal sħarriġ minn qabel imwettaq minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti, u d-deċiżjoni ta' din il-qorti jew ta' din l-entità għandha tingħata fuq talba motivata tal-awtoritajiet kompetenti, imressqa, b'mod partikolari, fil-kuntest ta' proċeduri ta' prevenzjoni, ta' skoperta jew ta' prosekuzzjoni kriminali.

Wara t-tluq tal-passiġġieri tal-ajru mill-Kanada, il-ħażna kontinwa tad-data PNR tal-passiġġieri tal-ajru kollha li jippermetti l-ftehim maħsub ma hijiex limitata għal dak li huwa strettament neċessarju. Fil-fatt, f'dak li jirrigwarda l-passiġġieri tal-ajru li fir-rigward tagħhom ma jkunx ġie identifikat riskju

¹ Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, iffirmata f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, Vol. 15, Nru 102).

relatat mat-terroriżmu jew mal-kriminalità transnazzjonali serja mal-wasla tagħhom fil-Kanada u sat-tluq tagħhom minn dan il-pajjiż, ma jidhri, ladarba jkunu telqu, li teżisti relazzjoni, imqar waħda indiretta, bejn id-data PNR tagħhom u l-għan li l-ftehim maħsub ifittex li jilħaq, li tiġġustifika ż-żamma ta' din id-data. Min-naħa l-oħra, ħażna tad-data PNR tal-passiġġieri tal-ajru li fir-rigward tagħhom jiġu identifikati elementi oġġettivi li jippermettu li jitqies li, anki wara t-tluq tagħhom mill-Kanada, jistgħu jippreżentaw riskju f'termini tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transnazzjonali serja hija ammissibbli lil hinn mis-soġġorn tagħhom f'dan il-pajjiż, saħansitra għal tul ta' ħames snin. F'dan il-każ, l-użu tad-data PNR ikun suġġett għall-istess kundizzjonijiet li jikkonċernaw l-użu tad-data PNR matul is-soġġorn tal-passiġġieri tal-ajru fil-Kanada.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis ukoll li **dispożizzjonijiet oħra tal-ftehim maħsub huma inkompatibbli mad-drittijiet fundamentali, sakemm dan tal-aħħar ma jiġi irriedut sabiex l-indiġni jiġi limitat u speċifikat aħjar**. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li l-ftehim għandu:

- jiddetermina b'mod iktar ċar u preċiż ċerta data PNR li għandha tiġi ttrasferita;
- jipprevedi li l-mudelli u l-kriterji użati għall-ipproċessar awtomatizzat tad-data PNR ikunu speċifiċi u affidabbli kif ukoll nondiskriminatorji;
- jipprevedi li d-databases użati jkunu limitati għal dawk operati mill-Kanada b'relazzjoni mal-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transnazzjonali serja;
- jipprevedi li d-data PNR tkun tista' tiġi kkomunikata mill-awtoritajiet Kanadiżi lill-awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiż barra mill-UE biss jekk ikun jeżisti ftehim bejn l-Unjoni u dan il-pajjiż li jkun ekwivalenti għall-ftehim maħsub jew jekk tkun teżisti deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'dan il-qasam;
- jipprevedi dritt għall-passiġġieri tal-ajru li jiġu informati individwalment fil-każ ta' użu ta' data PNR li tikkonċernahom matul is-soġġorn tagħhom fil-Kanada u wara t-tluq tagħhom minn dan il-pajjiż kif ukoll fil-każ ta' żvelar ta' din id-data lil awtoritajiet oħra jew lil individwi;
- jiggarrantixxi li s-sorveljanza tar-regoli dwar il-protezzjoni tal-passiġġieri tal-ajru fir-rigward tal-ipproċessar tad-data PNR tagħhom tiġi żgurata minn awtorità ta' superviżjoni indipendenti.

Peress li l-indiġni li jinvolvi l-ftehim maħsub ma huwiex kollu limitat għal dak li huwa strettament neċessarju u għaldaqstant ma huwiex kompletament iġġustifikat, il-Qorti tal-Ġustizzja minn dan tikkonkludi li **l-ftehim maħsub ma jistax jiġi konkluż fil-forma attwali tiegħu**.

Fl-aħħar nett, għandu jiġi osservat li l-Parlament xtaq isir jaf ukoll jekk il-bażi legali tal-ftehim maħsub għandhiex tkun l-Artikoli 82 u 87 TFUE (kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali u kooperazzjoni mill-pulizija) jew l-Artikolu 16 TFUE (protezzjoni tad-data personali). F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li l-ftehim għandu jiġi konkluż abbażi kemm tal-Artikolu 16 kif ukoll tal-Artikolu 87 TFUE. Fil-fatt, il-ftehim maħsub ifittex li jilħaq żewġ għanijiet inseparabbli u ta' importanza ugwali, jiġifieri, minn naħa, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transnazzjonali serja – li tirriżulta mill-Artikolu 87 TFUE – u, min-naħa l-oħra, il-protezzjoni tad-data personali – li tirriżulta mill-Artikolu 16 TFUE.

NOTA: Stat Membru, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni jistgħu jiksbu l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk ftehim maħsub ikunx kompatibbli mat-Trattati jew dwar il-kompetenza għall-konklużjoni ta' dan il-ftehim. Meta l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tkun kuntrarja, il-ftehim maħsub ma jistax jidhri fis-seħħ sakemm ma jiġix emendat jew it-Trattati ma jiġux irrieduti.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-test sħiħ tal-opinjoni huwa ppubblikat fuq is-sit CURIA fil-jum li fih tingħata l-opinjoni.

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tal-opinjoni huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106